Minuti tal-laqgħa numru tnax (12) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) li nżammet nhar il-Ħamis, 10 ta'April, 2025, fil-Bini Amministratti tal-Kunsill fil-5.30pm.

Il-laqgħa pubblika li kienet skedata għal-llum, fil-5.00pm ma saritx għaliex ma attenda ħadd mill-pubbliku.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Sa Marion Parnis | kunsillier |
| | Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| Skużata: | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |

12.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Presedenza u ittri ta' apoloġija

Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco, infurmatna li ma tistax tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet mediċi. L-apoloġija kienet milqugħa unanimament. Madankollu hija ħalliet messaġġ mad-Deputat Segretarju sabiex kulħadd jipproduċi l-artiklu tal-fuljett sal-aħħar ta' dan ix-xahar.

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

12.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduti numru ħdax**

Minuti

Il-minuti tas-seduta preċedenti, kienu mqassma ħamest ijiem qabel mal-agenda u dawn kienu meħuda b'moqrija u kienu mressqa għall-vot mis-Sur Karmenu Farrugia u ssekondat is-Sa Nina Skye Briffa u dawn kienu approvati unanimament.

**12.02** **Punti mil-MInuti**

12.02.01 Il-kuntrattur li ħa l-offerta tal-bandli fi Ġnien Nicolo' Communet, Opal Ltd, issa ġab il-materjal tas-*safety flooring* u dan qiegħed kollu fil-ġnien.

Ġnien Nicolo Communet

12.02.02 Waqt din il-laqgħa daħlet e-mail mid-Dipartiment tal-Artijiet, fejn għadna kemm ġejna nfurmati li issa l-Ġnien tal-Kmand ġie devolut lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

Ġnien tal-Kmand

12.02.03 Minkejja li l-Laqgħa pubblika, ma saritx minħabba li ma kienx hemm attendenza, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi kien hemm

Laqgħa Pubblika Ħmieġ mil-

persuni li avviċinawna biex ikun hemm aktar indafa fl-inħawi fejn jinħarqu l-murtali tal-festa f'Ħal Lew. Il-murtali bħalma jaf kulħadd iwaqqgħu ħafna kartun u irmied. kartun tal-logħob tan-nar

12.02.04 Kien hemm xi ħadd li għamel l-ilment tiegħu minħabba ġrieden mejta. Dawn il-ġrieden qed jiġu magħlufa l-valenu mis-Sanità u imbagħad imorru jmutu wara xi ħajt fi triq pubblika. Ġrieden mejta

12.03 **L-Għazla tas-sit għall-*Clean Up*** *Sea underwater clean up*

Dwar il-proposta tal-Clean up li se japplikaw f'isimna r-Reġjun Punent, se nagħmlu *sea underwater clean up* Wied iz-Zurrieq. Dan se jkun ikkomunikat mar-Reġjun lid-DLG għada stess. Ovvjament se jkollna bżonn l-assistenza tal-għaddasa.

12.04 **Festival tal-patata 2025 u d-data tal-Festival tal-Patata 2026** Festival tal-Patata

Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar il-Festival tal-patata u qal li ltaqgħu flimkien mas mas-Sa Anthea Sacco mal-promotur il-ġdid, is-Sur Alex Calleja Zammit. L-organizzatur oriġinali kellu jinbidel għaliex is-Sur Pierre ma tantx ħa interess u issa se naħdmu mas-Sur Alex Calleja Zammit li jorganizza diversi attivitajiet kulturali. Intqal li dan għandu ideat ġodda. Biex jitkomplew it-tħejjijiet, is-Sur Alex Calleja Zammit se jkun imsiefer u se jiġi lura mhux il-ġimgħa d-dieħla iżda ta' wara. Is-Sur Karmenu Farrugia qal li diġa' iltaqgħu maż-żewġ soċjetajiet, dik ta' ta' Lourdes u Santa Marija. Il-mistiedna l-oħra ma tfaċċawx. Kien suġġerit illi ż-żewġ baned jagħtu s-sehem tagħhom f'waqtiet differenti. Dawn it-tnejn aċċettaw. Is-Sur Karmenu Farrugia ssuġġerixxa li jkun hemm it-tberik tal-annimali dejjem jekk insibu qassis, u dan hu antiċipat li jsir għal ħabta tat-8.30am. Dawk li se jieħdu sehem se jkunu qed jirċievu kukkarda u għalhekk iridu jirreġistraw minn qabel għal Eur 5 li se tingħata donazzjoni lil xi għaqda tal-annimali li se tittella' bil-polza. Is-Sa Marion Parnis se tkun inkarigata biex tieħu ħsieb din il-parti.

12.05 **Kuntratt tal-latrina pubblika tal-Qrendi** Latrini pubbliċi

Dwar il-kuntratt tal-latrini pubbliċi, kien deċiz li terġa' toħroġ sejħa pubblika għall-offerti. Inġibdet l-attenzjoni illi l-latrina ta' Wied iz-Zurrieq trid tkun *manned* u dik tal-Qrendi m'hemmx għalfejn.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv se jipprepara d-dokument tal-offerta.

12.06 **Għazla tas-sit - SPI/SCI/6/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali** SPI/SCI/6/25

Dwar l-iskema ta' Fondi ta' Manutenzjoni fuq il-Proġetti tal-Gvern Ċentrali id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ipprovda l-proposta tiegħu fuq il-formula mimlija għall-għamara tat-toroq li hemm fi Triq il-Panorama li kien inawgura l-Gvern meta kienu saru x-xogħlijiet mill-*Public Works Department.* It-talba hija fuq għamara tat-toroq esklussivament, jiġifieri bankijiet, imwejjed, litter bins, dog bins u żewġ xtillieri tar-roti addizzjonali.

12.07 **Evalwatur għall-offerta għal servizzi ta' Accountant / Accountant Technician** Evalwatur

Is-Sur Paul Bugeja se jkun imsejjaħ sabiex jagħmel evaluation tal-offerta tal-Accountant għaliex min is-soltu jservi ta' evalwatur għandu konflitt ta' interess għaliex qed jitfa' l-offerta hu stess.

12.08 **Sejħa għal Skrivan/a** — Sejħa għall-Skrivan

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal li issa ingħatajna l-approvazzjoni mill-Jobsplus biex immorru *public*. ġaladarba ma sibniex persuni li qed jirreġistraw li huma addattati għal skrivan, għaldaqstant issa se mmorru *public* billi noħorġu l-avviz ta' din il-vakanza fil-gazzetti u fil-media soċjali. Għal dan ma kinex hemm oġġezzjoni.

12.09 **Reġjun Punent – *Reading in Nature*** — World Reading Day

Is-Sur David Micahel Schembri, qal li nhar il-15 ta' April hija l-*World Reading Day.* Hu qal li rridu norganizzaw attività mal-Iskola biex inrawwmu aktar imħabba għall-qari fost l-istudenti u jingħataw kotba mir-Reġjun Punent, lill-Kap tal-Iskola biex tissaħħaħ dik li qed jgħidulha *reference library*. Għal din l-attività hemm maħsub li nsibu assistenza ta' dawk li jgħidulhom *Reading Guardians*.

12.10 **Ċedola tal-pagamenti SCH01, 17/3/25 – 10/4/25 u Petty Cash AC/03** — Ċedola tal-pagamenti

F'item minnhom kien hemm problema fejn l-ammont tal-invoice li kien qed takkumpanja l-STL ma kienx qed jaqbel mal-pagament wara osserrvanza tal-Kunsillier, is-Sa Marion Parnis.

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru SCH01, 17/3/25 – 10/4/25 u Petty Cash AC/03 kienu approvati unanimament bil-proponent u s-sekondant li ffirmaw fuqha.

12.11 **Punti Oħra**

12.11.01 Is-Sa Nina Skye Briffa semmiet ukoll ħajt tas-sejjiegħ imwaqqa' fejn il-villa tal-Imħallef Abigail Lofaro u s-Sindku, s-Sur David Michael Schembri qal li is-sid jaf li hija responsabbilita' tiegħu għax dan mhux *road retaining wall,* jiġifieri qed iżomm it-triq. — Ħajt imwaqqa'

12.11.02 Is-Sa Nina Skye Briffa issuġġeriet illi bħala pubbliċità għax-xogħlijiet tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, għanda tiġi kkrejata paġna fuq Tik Tok u jittellgħu filmati qosra tal-attivitajiet tal-Kunsill. Hija stqarriet illi din għenitha anke meta kienet qed tagħmel il-kampanja elettorali tagħha. Hija ddikjarat li hija lesta li tieħu ħsieb din il-materja. — Tik Tok

\+ Fis-6.00pm skuzat ruħa u s-Sa Nina Skye Briffa telqet mil-kamra.

12.11.03 Is-Sur Karmenu Farrugia qal li fl-aħħar laqgħa hu ippropona li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew jiġu rrekordjati. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal li talab stima lis-Sur Spagnol li għandu l-apparat tal-*live streaming* u dan għadiu ma taħx stima — Laqgħat tal-Kunsill irrekordjati

12.11.04 Is-Sur David Michael Schembri, is-Sindku qal illi fejn il-ġibjun, fi Triq tal-Providenza kellu talba biex isir *resurfacing* minn persuna li kien diġa' kellem lill-Viċi Sindku, s-Sa Anthea Sacco kif ukol lis-Sur Karmenu Farrugia, kunsillier. Hu żied jgħid li din it-triq hija *second in priority* fuq il-lista li pprovdejna lill-*Infrastructure Malta* biex din it-triq jagħmluha huma. Triq tal-Providenza

12.11.05 Dwar Triq it-Tabib Gregorio Mifsud, is-Sindku, s-Sur David Michael Schembri qal li Infrastructure Malta ippubblikat l-offerta pubblika ta' din it-triq. Jista' jkun li għad m'hemmx l-infrastruttura kollha mgħoddija minn taħt it-triq u jridu jitpoġġew xi pajpijiet/katusi ecc biex imbagħad jagħtu t-tarmak. Triq it-Tabib Gregorjo Mifusd

12.11.06 Is-Sur Karmenu Briffa tkellem fuq il-bżonn li jitwaħħal bank fejn il-Kappella tas-Salvatur. Is-Sindku, s-Sur David Michael Schembriu qal li f'din iz-zona lanqas dog bin ma jridu, għax kienu qed jitfgħu l-iskart tad-djar fih, infatti kien propost biex jitpoġġa wieħed fejn iċ-Ċentru Pastorali. L-inħawi tas-Salvatur

12.11.07 Dwar il-kuntratt tal-qtugħ tal-ħaxix ħażin miz-zona rurali, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem fuq il-laqgħa li kellu mas-Sur Twanny Barun fil-preżenza tad-Daputat Segretarju Ezekuttiv. Dan mhux qed jammetti l-ittri li kienu ħarġu ta' default mil-Kunsill meta dan kien imwissi biex jaqta' l-ħaxix minn diversi toroq u lanqas li hu naqas milli jwettaq ix-xogħlijiet. Qtugħ tal-ħaxix mil-kampanja

12.11.08 Is-Sa Marion Parnis għamlet talba biex tikseb informazzjoni ħalli tikteb fuq il-korsijiet tal-life long learning fil-magazine tal-Kunsill. Lifelong learning

12.11.09 Is-Sa Marion Parnis talbet sabiex Triq it-Tabib Gregorio Mifsud tibda' tinkines spiss għax qed tkun maħmuġa. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li din qed tinkines. Knis ta' Triq it-Tabib Gregorio Mifsud

12.11.10 Is-Sa Marion Parnis tkellmet fuq il-bzonn ta' aktar viżibilità fis-sewqan fil-*junction* tal-Monument tat-Tfal. Hija qalet li hemm bżonn li jsir iż-żbir ta' xi arbuxxelli biex toktor il-viżibilità fis-sewqan. Se naraw nistgħux nagħmlu kuntatt ma Transport Malta dwar din il-materja. Viżibilità ma' roundabout

12.11.11 Is-Sindku, s-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi Transport Malta waħħlet sitt *sleeping policemen* fi Triq il-Panorama. Dawn qed ikunu ta' diskussjoni fuq il-*media soċjali* għaliex xi xufiera qed jgħidu li m'humiex skont l-*istandards* minkejja li bil-veloċità qawwija qabel ma tpoġġew, seħħew diversi inċidenti gravi. Sleeping Policemen

12.11.12 Is-Sa Marion Parnis issuġġeriet biex titpoġġa *sleeping policeman* fejn il-Kappella tal-Grazzja biex il-vetturi ma jibqgħux jgħaddu b'veloċità elevata. Aktar Sleeping policemen

12.11.13 Is-Sur Karmenu Farrugia staqsa jekk nistgħux napplikaw għal skema ta' restawr għal-Kappella tas-Salvatur. Is-Sindku, is-Sur David Micahel Schembri, infurmah illi l-KLQ ta l-prijoritatjiet tiegħu u dan is-sit hu wieħed minn dawk li għandu bżonn restawr. Restawr

12.11.14 Is-Sur Karmenu Farrugia talab azzjoni biex it-toqob il-ġodda tal-festa jitħaffru. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri infuramah illi l-KLQ għamel it-talba lill-PWD biex dawn il-ħamsa u għoxrin bollard, jitħaffru. Hu ġie infurmat illi dawn irreferew din il-*works order* lill-Koptasin biex jagħlu x-xogħol huma. Il-KLQ se jinsisti dwar dawn ix-xogħlijiet. — Toqob tal-festa

12.11.15 Is-Sa Marion Parnis qalet li rat boroż suwed kollha xemgħa għal ġbir tal-iskart fejn il-Kappella tas-Salvatur. Hi qalet li dawn setgħu intefgħu f'borża tar-riċiklaġġ. Intqal ukoll li jista' jkun li din kienet ta' darba għaliex fl-istess Kappella se ssir wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa u jista' jkun li l-organizzaturi kienu qed jiżbarazzaw. Se tinġibed l-attenzjoni tal-Kappillan sakemm dawn il-konteNituri ta' dawn ix-xemgħat ma jkunux kontaminati b'xemgħa li jifdal fihom. — Xemgħa

12.11.16 Is-Sur David Michael Schembri informa lill-kunsillieri preżenti illi nhar l-Erbgħa, 16 ta' April, filgħodu, fiċ-Ċentru Parrokkjali hemm laqgħa u ġejja persuna minn barra biex titkellem dwar kif għandna nippreservaw l-enerġija. — Laqgħa għall-pubbliku

12.11.17 Dwar l-applikazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bl-isem Komunitajiet aktar siguri, is-Sindku, s-Sur David Michael Schembri qal li nistgħu napplikaw għat-tkomplija tas-sular ta' fuq mil-*finishes* taċ-Ċentru Ċiviku. — Ċentru Ċiviku

12.11.18 Is-Sur David Michael Schembri, s-Sindku, tkellem dwar *e-mail* li irċevejna mill-Kulleġġ San Benedittu proprju llum stess. Hu qal li *e-mails* bħal dawn tajjeb li jkunu promossi anke fuq il-paġna tal-*facebook* tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi. — E-mails

12.12 **Data tal-laqgħa li jmiss** — Aġġornament

Din il-laqgħa aġġornat fis-7.00pm u l-laqgħa li jmiss se tkun fit-12 ta' Mejju, fil-5.30pm.

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 12 ta' Mejju 2005 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Eżekuttiv — Sindku